**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Novembru 2016

Rikors Nru : 365/16 AL

AB
VS
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fis-seba (7) ta' Awwissu tas-sena elfejn (2004), hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A', u minn dan iz-zwieg kellhom iben wiehed, illi twieled nhar it-tmienja u ghoxrin ta' Mejju, 2007 u llum ghadu minoreni, hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok 'B'.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt min-Nutar Pubbliku Dr. Joseph Tabone LL.D., mit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) kopja ta' liema kuntratt qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'C'.

Il-partijiet qablu li huma ilhom separati de jure sa minn Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) u ghaldaqstant ilhom aktar minn hames (5) snin separati.

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li l-partijiet ilhom hames snin mifrudin.

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante li l-istess minuri jirrisjedi mal-esponenti, u in oltre l-mara irrinunzjat definittivament ghal kull jedd taghha li titolbu u/jew tircievi manteniment u ir-ragel irrinunzja li jircievi manteniment minghand martu u dan skond l-anness kuntratt ta' separazzjoni personali, principalment il-klawsola numru "B".

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, il-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat seba (7) ta' Awwissu tas-sena elfejn (2004) bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal dashekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Awwissu 2016;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla tiddikjara li ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Mejju 2011 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.